Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 36/18

**AVVIŻI**

**9 ta' Settembru 2018**

Infakkru lill-ġenituri li għadhom ma rreġistrawx lil uliedhom għall-katekeżi biex jagħmlu dan fis-sagristija mill-aktar fis.

Nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru sa jinħatar il-Kumitat Festa għas-sena 2018-2019. Dawk li jixtiequ jkunu membri tal-kumitat għandhom jinfurmaw lill-kappillan. Grazzi lil kull min jagħti sehmu biex ikollna komunità ħajja.

Nhar il-Ġimgħa 14 ta' Settembru, Festa tal-Esaltazzjoni tas-Salib, wara l-quddiesa tas-7pm issir Adorazzjoni tas-Salib fil-Knisja.

Sa jsiru żewġ laqgħat għal-Letturi u l-Animaturi tal-Liturġija kollha tal-parroċċa tagħna. Kull min jagħti dan is-servizz, jew jixtieq jibda jagħti dan is-servizz fil-parroċċa, għandu jattendi għal waħda minn dawn il-laqgħat fid-Dar Parrokkjali:
Nhar il-Ħadd 16 ta' Settembru fl-10am JEW it-Tnejn 17 ta' Settembru fis-7.30pm. Fil-Festa ta' San Franġisk, imbagħad, jingħata l-mandat għas-sentejn li ġejjin lil dawk li jkunu ħadu sehem.